MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 132/2007

Il-Pulizija
(Supt. A. Mamo)
Vs

D.L.

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :

a. fil-11 ta' Frar, 2003, mill-fond "Moviment Azzjoni Socjali", li jinsabu f'numru 15, Old Mint Street, Valletta, ikkommetta serq ta' diversi oggetti, fosthom ID cards, cheque-book tal-BOV plc, fuq il-kont tal-Moviment Azzjoni Socjali u dokumenti ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur bi ksur tal-Artikolu 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. iffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta gew ipprezentati irceva bihom hlas, jew ha l-kunsinna ta’ oggetti, jew gabar depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku tal-Gvern u cioe’ iffalsifika cekkijiet tal-Moviment Azzjoni Socjali u persuni ohra u aktar talli xjentement ghamel uzu mill-imsemmija dokumenti falsifikati bi ksur ta’ l-Artikolu 167 u 169 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c. ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe’ ghamel falsifikazzjoni fuq cekkijiet tal-Bank of Valletta plc., liema cekkijiet jappartjenu lil Moviment Azzjoni Socjali u persuni ohra u aktar talli xjentement ghamel uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
d. b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ aktar minn LM1,000 bi hsara ta’ diversi persuni, fosthom il-Moviment Azzjoni Socjali, Bank of Valletta plc, u persuni ohra, bi ksur ta’ l-Artikoli 308 u 309 u 310(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
e. xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. kiser il-provvidenti ta’ l-Artikolu 5 tal-Kap. 152 imposti fuqu b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta tat-12 ta’ Marzu, 2003, liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-22 ta’ Marzu, 2007 li biha wara li rat l-artikoli 37 (ghaliex l-appellant kien minorenni), 18, 267, 279(a), 167, 169, 183, 184, 308, 309, 310, 334, 289, 49, 50, 31, 17(b)(h), 20, 23 u 533 tal-Kap. 9, sabet lill-appellant :

a. hati taht l-artikolu 18 (li tidher fil-preambolu qabel);
b. hati ta’ l-imputazzjoni mmarkata (a) limitatament ghas-serq ta’ cheque book u bl-ammonti msemmija w illiberatu mis-serq ta’ ID cards u dokumenti ohra fin-nuqqas ta’ prova dwar dawn ta’ l-ahhar;
c. illiberatu mill-imputazzjonijiet (b)(c);
d. hati ta’ l-imputazzjoni mmarkata (d);
e. ma haditx konjizzjoni ta’ l-imputazzjoni (e) ghaliex din hija alternattiva ghall-imputazzjoni (a);
f. illiberatu mill-imputazzjoni (f) galadarba l-Avukat Generali ta l-artikoli dwar ir-recidiva (li ma jreggux vis a vis din l-imputazzjoni) u ma tax l-artikolu relevanti mill-Kap. 446).

Ghalhekk ikkundannatu ghal disa’ xhur prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-appellant ghadda taht arrest jekk ghadda xi zmien taht arrest dwar dan il-kaz biss.

Il-Qorti ordnat d-divjet ta’ isem l-appellant minhabba li fiz-zmien meta twettaq ir-reat kien ghadu taht it-18-il sena.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 t’April, 2007, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn in forza tal-istess appellant gie liberat mill-akkuza ta’ serq ta’ ID cards u dokumenti ohra, mill-ipotesi tar-reat previst mill-Artikoli 167 u 169 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta w mill-ipotesi tar-reat mahsub mill-Artikoli 183 u 184 tal-istess Kap., mill-imputazzjoni prevista mill-Artikolu 5 tal-Kap. 152 u mill-imputazzjoni kontemplata mill-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap. 152 u tirrevokaha fejn in forza tal-istess l-appellant instab hati ta’ serq ta’ cheque book u tal-import tac-cheques in kwistjoni, ta’ frodi ai termini tal-Artikoli 308, 309 u 310(1)(a) u ta’ reat kontinwat skond dak li jinghad fl-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant , fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- li ma tressqet ebda prova li turi li l-appellant kien seraq il-ktieb tac-cekks li kien jappartjeni lil MAS u l-Qorti laqghet it-tezi tal-prosekuzzjoni bazata fuq mera kongettura li kien hu li ha dan il-ktieb. Il-fatt li kien hu li sarraf ic-cekks ma jezonerax lill-prosekuzzjoni mill-obbligu li tipprova li fi stadju aktar bikri qabel it-tisrif tac-cekks kien seraq il-ktieb. Jekk ma hemmx il-prova tas-serq, jaqa' ukoll l-aggravju (Sic!) tal-valur.

Sussidjarjament anki jekk hu seraq ic-cheque book, ma jistax jigi argumentat li seraq l-import tac-cheques. Hu ma seraqx il-flus izda dawn inghatawlu fid-dawl tat-tisrif tac-cheques, fid-dawl tal-*messa in xena frawdolenti* da parti tal-appellant fil-parametri tal-art. 308 et seq tal-Kap.9. Umbaghad fir-rigward ta' dak provvdut mill-artikolu 308, il-prosekuzzjoni kellha tipprova li l-appellant ippratika ingann u permezz ta' *messa in scenba* dawwar fl-interess personali tieghu somma li teccedi l-Lm1000. F' ebda stadju ma jirrizulta li huwa ppratika xi messa in scena u ghalhekk lanqas dan l-element ma jissussisti. L-appellant ma giex kontradett meta xehed li c-*cheque book* kien gie konsenjat lill-Moviment Neutro ghall-uzu fil-kampanja taghhom u meta prrezenta ruhu fil-Bank biex isarraf ic-cheques, dan sar ghax hu , bhala tezorier tal-imsemmi Moviment, kien tenut li jsarraf ic-cheques. Ghalhekk l-appellant la jmissu nstab hati tar-reat ta' serq u lanqas tar-reat kontemplat mill-art. 308. Sussidjarjament u bla pregudizzju, ghandu jkun hemm temperament fil-piena li tirrispekkja l-minorita (Sic!) tal-appellant fil-mument rilevanti, u tenut kont tat-trobbija markatament infelici w sfortunata tieghu. Il-maturazzjoni (Sic!) tieghu ghandhha ssehh lil hinn mil-konfini tal-habs .

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel aggravju li jirrigwarda s-sejbien ta' htija tas-serq tac-cheque book jirrigwarda kwistjoni ta' apprezzament ta' fatt li sar mill-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor , din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha **.** Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f’dan is-sens “inter alia” l-Appell Kriminali : **“Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.”** [12.5.94]; **“ir-Republika ta’ Malta vs. George Azzopardi** “ [14.2.1989]; **“il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace”** [31.5.1991] **; “Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**” [31.5.1991] u ohrajn .)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** fil-kawza “**R. v. Cooper**” ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*“assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury’s verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines*

*the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** (1991) , p. 1392)

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar l-imputazzjoni ta' serq tac-cheque book.

Ikkonsidrat;

Illi l-provi mressqa f' din il-kawza gew dettaljatament u magisterjalment riprodotti mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata w ghalhekk mhux il-kaz li jigu hawn ripetuti. Bizzejjed li jissemmew il-fatti segwenti.

Ghall-habta tas-sena 2003, Dottor Karmenu Mifsud Bonnici, ex Prim Ministru ta' Malta, kien hass il-htiega li jitwaqqaf moviment ta' zaghzagh imsejjah **MOVIMENT NEWTRO** biex jaghmlu oppozizzjoni ghad-dhul ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja. Kienu ltaqghu grupp ta' zaghzagh li bdew joperaw min Dar it-Tama, 144, Triq Matti Grima Street, Bormla, dar immexxija minn certu Patri Mark Montebello.

Fl-10 ta' Jannar, 2003, infetah *current account* mill-appellant mall-Bank of Valletta, Republic Street, Valletta , bl-isem : **D.L. A/C NEWTRO** (Fol.112) u biex infetah dan il-kont l-istess Dottor Karmenu Mifsud Bonnici kien ghamel *letter of reference* lill-appellant datata 10 ta' Jannar, 2003 (fol. 113) fejn iddikjara li kien ilu jaf lill-appellant sentejn u li r-relazzjoni tieghu mall-appellant kienet wahda *"personal/ members of the same organisation".*

Fil-11 ta' Frar, 2003, waqt li kienet qed issir laqgha tal-kumitat tal-Moviment Azzjoni Socjali (MAS), fil-fond 15,

Old Mint Street, Valletta, u li ghalih kienu qed jattendu : Carmelina Debono, l-President, il-Vici-President in-Nutar Dottor Hugh Grima, Mary Buttigieg, is-Segretarja, u John Bonnici, Tezorier Onorarju tal-Moviment, kif spiccat il-laqgha, Mary Buttigieg innutat li l-handbag taghha li kienet hallietu f' kamra ohra tal-fond ma kienx hemm. Ftit wara dan instab fl-entratura komuni tal-fond u minnu kienu neqsin il-*portmoney* kontenenti l-identity cards taghha w ta' zewgha, cavetta tal-*money box* tal-Moviment u xi *spare key* tal-karozza taghha. Flus pero' ma insterqux. L-ghada Mary Buttigieg indunat li l-*money box* li kienet thalli fl-ufficju f' kamra ohra differenti minn dik fejn kienet qed issir il-laqgha lejliet, ma kienetx hemm. Hadd mill-persuni msemmija li kienu prezenti ma kien ra lil xi hadd jidhol fil-kmamar l-ohra tal-ufficju waqt il-laqgha w dak il-hin kemm il-bieb ta' barra ta' mat-triq kif ukoll il-bibien kollha interni tal-ambjenti tal-ufficcju tal-MAS kienu miftuha.

Fit-13 ta' Frar, 2003, igifieri jumejn biss wara li spariet il-*money box* tal-MAS, l-appellant rega' mar il-Bank of Valletta, Republic Street u hemm fetah kont gdid din id-darba Savings account (fol. 82) ukoll intestat **"D.L. A/C NEWTRO"** ukoll fuq l-istess indirizz ta' Dar it-Tama, cioe' 144, Triq Matti Grima , Bormla . Dak in-nhar iddepozita cheque ta' LM500 li jgib in-numru 000042 tas-Social Action Movement A/C Gozo Project, bid-data tat-12 ta' Frar, 2003, u bil-firma wahda ta' C. Debono, favur Newtro Movement (dok. C3 a fol. 108). Dak in-nhar stess l-appellant gibed LM300 mill-istess kont. (Dok. TC1 a fol. 83). Fl-14 ta' Frar, 2003, l-appellant iddepozita cheque iehor numru 000041 bl-istess intestatura w firma, izda din id-darba fl-ammont ta' LM600, li gie zbankat mil-appellant dak in-nhar stess. (Dok C1 a fol.110 u fol-83). L-ghada, 15 ta' Frar, 2003, l-appellant rega' ddepozita cheque iehor numru 000043 bl-istess intestatura w firma wkoll fl-ammont ta' LM600 ohra (Dok. C2 a fol. 109) u dak in-nhar stess gibed LM300 mill-kont. Wara mbaghad fl-24 ta' Frar u 4 ta' Marzu, 2003, ingibdu rispettivament LM450 u LM50 b' mod li l-bilanc tal-kont sar zero (0). (fol. 83).

Fis-27 ta' Marzu, 2003, meta Joe Bonnici, t-Tezorier Onorarju tal-MAS rceva statement tal-Bank of

Valletta,induna li l-bilanci tal-bank kienu qed juru li ssarfu xi cheques tal-Moviment li mhux suppost u rrejalizza li dan il-fatt jista' jkun marbut mas-serqa tal-*money box* li kienet grat fil-11 ta' Frar, 2003. Hu ghalhekk minnufieh informa lil-Bank of Valletta b' dan. (fol. 104) u minn hemm bdew l-investigazzjonijiet li wasslu biex l-appellant jigi mixli quddiem l-Ewwel Qorti kif fuq intqal.

Meta l-appellant kien gie interrogat mill-allura Spettur Sandra Mamo (fols 23 sa 24 a tergo) pratikament ma wiegeb ghall-ebda domanda li saritlu hlief bir-risposta : *"Ma nafx."*

Sa hawn iwasslu l-provi tal-prosekuzzjoni f' dan il-kaz.

Meta xehed in propria difesa, l-appellant (fols. 153 sa 164 u 173 sa 176) qal "*inter alia"* li f' Jannar, 2003, kienu waqqfu l-moviment NEWTRO biex jaghmel kampanja kontra s-shubija fl-Ewropa bil-*head quarters* taghhom go Dar it-Tama, 144, Triq Matti Grima, Bormla. Hu bhala kaxxier kien firmatarju u kien hemm Karmenu Mifsud Bonnici ukoll bhala sostitut u Mark Farrugia bhala sostitut kaxxier. Huma kienu ircevew dawn ic-cekkijiet wiehed jammonta ghall-LM600, l-iehor ghall-LM500 u l-iehor ghall-LM600 fuq l-indirizz fuq imsemmi w kienu ssarrfu w wara uzawhom ghall-kampanja fost flus ohra li kienu rcevew mill-Unjoni Ewropeja, ghal "*flokkijiet, u T-Shirt u xi safar tal-membri taghhom u imbarazz"* . Umbaghad zied jghid :-

***"Issa jien ghandi x-xhieda, karti, u hemm l-accountant ukoll u hemm il-kaxxier li xtaqt jitla' jixhed ukoll."***

Ghad-domanda dwar x' ghandu xi jghjid dwar l-akkuza ta' serq ta' cheques, wiegeb li c-cekkijiet *"twasslu lilna fuq il-Moviment 144, Triq Matti Grima, Bormla li hija Dar it-Tama li kien stazzjonat il-moviment fih."* Dan kien bejn Jannar u Frar. Hu kien avvza lill-membri (Sic!) taghhom li kien Mark Farrugia b' dawn ic-cekkijiet u kienet inghatat ordni li dawn jissarrfu mill-moviment. Hemm ir-ricevuti, hemm ix-xhieda u anki min awtorizza li jistghu jissarrfu dawn ic-cekkijiet, cioe' Mark Farrugia. Assikura li kieku

kienu jafu li c-cheques mhux suppost issarfu ma jahsibx li kien ser imur il-bank bihom u lanqas il-moviment ma kien ser jordna li l-istess cekkijiet jissarrfu.Kien hu stess li sarraf l-istess cekkijiet ghal flus li kellhom bzonn dak iz-zmien. Dan sar billi mar quddiem il-kaxxier, tah l-ID card tieghu , tah ic-cheque , iffirmah fuq wara u seta' johrog il-flus u iffirmalu fuq karta roza. Cahad li seraq xi cekkijiet, *cheque books* u identity cards mill-*head quarters* tal-MAS. Ma kellux x' jaqsam. Cahad li ghamel xi falsifikazzjoni fuq ic-cheques jew li rceva proprjeta' misruqa.

Hu kien is-Segretarju Generali tal-Moviment Newtro u kien gie appuntat mic-CNI u l-kont kien infetah fuq ismu ghax ma kienx ghad kellhom statut u l-Bank of Valletta kien ordna li jinfetah kont fuq isem persuna sakemm ikollhom statut u dan infetah fuq D.L., account moviment NEUTRO u Dr. Karmenu Mifsud Bonnici kien sostitut.

Qal li huma disposti li dawn l-LM1700 jergghu ihallsuhom lill-istess Moviment Azzjoni Socjali u dan seta' jsir *"any time"* , mhux problema. **(Ma hemm ebda evidenza fil-process pero' li dal-hlas lura sar.** Anzi jidher li kien l-istess Bank of Valletta li rrifonda l-flus lill-Moviment Azzjoni Socjali **.)**

Meta kompla jixhed (fol. 173 et seq.) u gie mistoqsi mill-Avukat difensur biex jipproduci d-dokumenti li kien semma fl-ewwel xhieda tieghu, l-appellant qal li hu ta' 15 il-sena kien dahal il-habs u meta ghaddew sentejn, kien mar Fr. Mark Montebello u qallu li l-ghaqda NEWTRO kienet spiccat minnhabba li ma kienx hemm min imexxiha w li ma setghux isibu id-dokumenti w li n-nies li suppost kien hemm ma ghadhomx jezistu d-dokumenti taghhom u li hadu kollox u spicca kollox. Qal li setghu jixhdu Karmenu Mifsud Bonnici w Fr.Montebello dwar dan.

Gara pero' li meta tela' jixhed Dr. Karmenu Mifsud Bonnici bhala xhud tal-prosekuzzjoni (fol. 147 sa 149), apparti li kkonferma li l-*letter of reference* biex seta' jinfetah <u>l-ewwel kont</u> fil-Bank of Valletta kien kitibha w iffirmaha hu, talab li jigi ezentat mill-jixhed ghax kien ta xi pariri lill-appellant u l-istess appellant umbaghad irrinunzja li jipproduci lil dan

ix-xhud u lil Fr. Mark Montebello bhala xhieda in difeza. (Fol. 182). Lanqas ma ingieb biex jixhed Mark Farrugia jew xi membri ohra tal-Moviment Newtro biex b' xi mod jissostanzjaw jew jikkorroboraw il-verzjoni tieghu. L-uniku xhud li ipproduca kien Dr. Owen Bonnici li qal biss li meta hu kien jaghmel il-prattika ta' avukat ma Dr. Karmnenu Mifsud Bonnici, dan kien qed jaghmel kampanja biex Malta ma tidholx fl-Unjoni Ewropeja u holoq moviment ta' zaghzagh li semmieh NEWTRO ghax kellu biza li ghal xi raguni ma kienx hemm element zaghzugh li kien kien kontra d-dhul fl-Ewropa. L-isem NEWTRO kien jikkombacja n-newtralita' ta' Malta mall-idea ta' No to EU. Jiftakar lill-appellant bhala wiehed mill-membri tal-moviment li kien imur ikellem lil Dr. Mifsud Bonnici fil-Qorti. Wara ma jafx aktar x' kien gara minn din l-ghaqda.(fols.177 sa180).

Ikkonsidrat;

L-appellant jghid li ma hemm ebda prova li kien hu li seraq ic-cekks tal-Bank of Valletta w affarijiet ohra w fil-fatt dan hu minnu ghax ebda xhud ma gie prodott biex juri li kien hu li kien dahal fil-kamra fejn kien hemm il-*handbag* ta' Ms. Buttigieg u fejn kien hemm il-*money box* waqt li f' kamra ohra kienet qed issir il-laqgha tal-kumitat tal-MAS fil-11 ta' Frar, 2003.

Illi pero' fit-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti l-abbli prosekutur invoka dik li tisejjah it-"**theory of recent possession"** biex isahhah il-kaz tieghu kontra l-appellant.

Issa kif qalet din il-Qorti diversament preseduta (per V. De Gaetano J., fl-Appell Kriminali : “**Il-Pulizija vs. Emanuel Seisun et.”[**26.8.1998]); it-teorija Ingliza “*of unlawful possession of recently stolen goods*” issib ukoll applikazzjoni fis-sistema legali taghna, ghax in tema ta’ *“law of evidence”* il-gurisprudenza taghna ssegwi hafna dik Ingliza. Din it-teorija ma hi xejn hlief l-applikazzjoni tal-buon sens ghal cirkostanzi partikolari li jkunu jirrizultaw pruvati, fis-sens li meta jigu ppruvati certi fatti, dawn jistghu wahedhom iwasslu ragjonevolment ghall-

konkluzzjoni li persuna partikolari tkun hatja tar-reat ta' serq tal-oggetti misjuba ghandha jew, skond ic-cirkostanzi, tar-reat ta' ricettazzjoni ta' dawk l-oggetti.

F' dik is-sentenza din il-Qorti ccitat is-segwenti bran mill-**Archbold** : Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1997, paras. 21-125, 21-126):-

*"In R. v. Smythe, 72 Cr. App. R. & C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling: it adopted the following passage from* ***Cross on Evidence*** *, 5th. ed., p.49 (now 8th. ed.., p.35): "if someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen….The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury is satisfied that the explanation he does offer is untrue."* (sottolinear ta' din il-Qorti)

*"Every case depends on its own facts. ….It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the other available evidence."*.

Ikkonsidrat;

Illi fid-dawl ta’ dawn il-principji ta’ dritt, din il-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi l-Ewwel Qorti kien imissha ikkonkludiet legalment u ragjonevolment li, mill-provi fuq riprodotti, kellu jirrizulta ghall-inqas ir-reat ta' ricettazzjoni kontemplat fil-hames imputazzjoni (e) , ghaliex verament minn imkien ma jirrizulta li kien l-appellant li kien ghamel il-*contrectatio,* jew *amozione de loco ad loco* tal-affarijiet misruqa. Minnkejja li din il-Qorti - bhall-Ewwel Qorti - anki in vista tal-antecedenti penali tal-appellant, jista' jkollha suspett qawwi ferm li kien l-istess appellant li dahal u seraq ic-*cheque book* u affarijiet ohra, wara li ha l-*handbag* ta' Buttigieg u minn go fih ha l-*identity cards* u c-cavetta tal-*money box* u li kien hu ukoll li ha l-istess *money box*, is-suspett wahdu qatt ma jista' jigi tradott fic-certezza morali tal-htija tas-serqa f' dan il-kaz.

Invece l-istorja li pprova jaghti l-appellant meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti - storja li ma tax fl-istqarrija tieghu lil-Ispettur Mamo - dwar il-provenjenza inspjegata w misterjuza ta' dawn ic-cekks f' Dar it-Tama (qiesu gabhom Father Christmas) bla ma spjega kif u meta waslu hemm u minn kien baghthom, gabhom jew ikkonsenjahomlu biex imur jiddepozithom, hi priva mill-icken farka ta' korroborazzjoni minnkejja dak li vvanta l-istess appellant fix-xiehda tieghu li ghandu l-provi ta' kollox.

Umbaghad bil-mod kif dawn ic-cekks bdew jigu depozitati wiehed, wiehed f' kont gdid *savings* li hu fetah ( meta diga kien hemm kont iehor "*current account*" tal-Moviment Newtro) u bdew jigu zbankati kollha jew in parti mill-appellant dak in-nhar stess, tkompli tikber l-ombra fuq dawn it-transazzjonijiet li l-appellant kien qed iwettaq billi rrikorra ghall-espedjent li jiddepozita f' kont u jigbed minnu dak il-hin stess, biex b' hekk ir-rikavat jispicca f' idejh fi flus kontanti, jindika *modus operandi* intelligenti biex hu jiddisponi minn u jsarraf cheques li kien jaf jew kien imissu jaf li kienu gejjin minn provenjenza illecita w b' mod li l-bank ma jigix *alerted* ghal xi prattici suspettuzi.

Ghalhekk jekk stess ma tirrizultax pruvata sodisfacentement l-ewwel imputazzjoni ta' serq kwalifikat

bil-valur, kellha w ghandha tirrizulta l-akkuza alternattiva ta' ricettazzjoni fil-konfront tal-istess cheques. Jigi rilevat li l-Ewwel Qorti gustament ma kienetx illiberat lil-appellant mill-imputazzjoni ta' ricetazzjoni imma biss ma haditx konjizzjoni taghha ghaliex kienet imputazzjoni alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni. Ghalhekk din il-Qorti ghadha libera li ssib htija taghha minnflok tal-imputazzjoni ta' serq kwalifikat kontemplat fl-ewwel imputazzjoni. F' dan is-sens ghalhekk l-ewwel aggravju qed jigi milqugh u l-appellant ser jigi liberat mill-ewwel imputazzjoni izda jigi misjub hati tal-akkuza (e) ta' ricettazzjoni.

Ikkonsidrat;

Illi dwar l-aggravju li jolqot il-kwalifika tal-valur fir-reat tas-serq din il-Qorti in vista tal-konkluzzjoni appena aktar il-fuq raggunta ma' ghandhiex ghalfejn tidhol fih.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tal-aggravju dwar is-sejbien ta' htija taht ir-raba' imputazzjoni (d), invece din il-Qorti hija sodisfatta bhall-Ewwel Qorti li bil-mod kif  l-appellant eskogita sistema li biha jiftah kont iehor parallel f' ismu imma "*account Moviment Newtro",*  billi jiddepozita it-tlitt cekks relattivi wiehed kull jum, u anki f' banek differenti, biex umbaghad jizbanka fi flus kontanti dak in-nhar stess, hu kien qed jaghmel uzu minn isem il-moviment Newtro b' mod lil hinn min dak li allegatament kien gie awtorizzat jaghmel meta kien infetah l-ewwel kont "*Current account"* bil-beneplacitu ta' Dr. Karmenu Mifsud Bonnici w dan kien certament jikkostitwixxi ingann u qerq u b' hekk ghamel hsara lill-Moviment Azzjoni Socjali li suppost kien emetta c-cheques u kieku stess ic-cekks kienu genwini w awtorizzati mill-Moviment Azzjoni Socjali - li ma kienux - kien ukoll qed jaghmel hsara lill-Moviment Newtro billi b' hekk seta' jizbanka flus anki bla ma jkun jaf l-istess moviment li sa fejn kien jaf kellu biss *current account* u mhux *savings account* ukoll. B' dan il-mod hu gie ghamel qliegh fl-ammont ta' LM1700 import ta' dawn it-tlitt cekks. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, jikkonkorru l-elementi kostituttivi tar-reat ta' frodi b' eghmil qarrieqi kontemplat fl-

artikolu 308 tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

Ikkonsidrat;

Illi ghar-rigward tar-raba' aggravju dwar il-piena, din il-Qorti tosserva li l-appellant, minkejja li ressaq dan l-aggravju, ma ghamilx talba biex fir-riforma tas-sentenza tigi revokata l-piena w sostitwita b' piena ohra, kif kien indikat li kellu jaghmel, anki in subsidium ghat-talba ghar-revoka tal-partijiet tas-sentenza fejn hu nstab hati.

Kull kif, il-piena erogata hija entro l-parametri tal-ligi ghaliex il-piena ghar-reat ta' frodi b' eghmil qarrieqi meta l-ammont tal-hsara ikun aktar minn mitt lira u inqas minn elf lira jgib piena minn hames xhur sa tlitt snin skond l-artikoli 308 u 310 (1) (b), u, stante li dawn id-depoziti w zbanki saru f' okkazzjonijiet differenti w r-reati gew kommessi b' rizoluzzjoni wahda, skond l-artikolu 18 jikkostitwixxu reat kontinwat u l-piena tista' tizdied minn grad sa zewg gradi u allura tista' addirittura tilhaq il-piena massima ta' hames snin prigunerija skond l-artikolu 31 tal-Kodici Kriminali. Dan apparti l-konkors mar-reat ta' ricettazzjoni skond l-artikolu 17 (b). Bl-applikazzjoni tal-artikolu 37 umbaghad ghax meta kommetta dawn ir-reati l-appellant ma kienx ghadu ghalaq it-tmintax il-sena, l-piena massima kienet dik ta' erba (4) snin prigunerija (hames snin nieqes grad wiehed).Ghalhekk ma hemmx dubju li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti mhux talli kienet entro l-parametri legali imma addirittura wahda pjuttost miti meta wiehed iqis l-antecedenti penali tal-appellant.

Di fatti mill-fedina penali aggornata tieghu jidher li minnkejja l-eta' relattivament zghira tieghu l-appellant gja instab hati mill-Qrati ta' reati serji mill-inqas disgha darbiet. Fost dawn insibu serq ta' portmoney kontenenti cwievet, karti personali w flus ghad-detriment ta' mara; serq ta' flus ghad-detriment tal-kappillan tas-Salezjani f' tas-Sliema, kif ukoll serq mill-iskola tal-istess Salezjani; serq iehor ta' flus mill-ufficju tal-Burzar tas-Salezjani , serq ta' flus kwalifikat bil-valur mill-assocjazzjoni YMCA tal-Belt ; serq mill-Knisja Parrokkjali tal-Birgu, reat kontinwat ta' falsifikazzjoni ta'

atti awtentici u skritturi u f' cekkijiet mahruga mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, serq ta' cekkijiet minn fond f' Matti Grima Street, Bormla, ricetazzjoni, li ghamel qliegh b' qerq, serq ta' karozza kwalifikat, serq ta' flus minn Lourdes VRT Station , danni volontarji , serq ta' flus kwalifikat mill-Katedral ta' San Gwann, sensiela ohra twila ta' serqiet ohra ta' vetturi, flus kwalifikat, kif ukoll sensiela ta' danni volontarji fuq stabbilimenti, vetturi , eccetera. Dawn l-ahhar zewg sensieli interminabbli ta' serqiet u danni volontarji saru addirittura fil-mori ta' din il-kawza. Wara diversi sentenzi fejn inghata liberazzjonijiet kondizzjonati, w - stranament - anki ammonizzjoni w reprensjoni, hu gie kundannat ghall-sentenzi ta' prigunerija mill-inqas tlitt darbiet.

F' dan l-isfond sentenza ta' disa' xhur prigunerija, anki meta, bl-applikazzjoni tal-art. 37, l-appellant kien passibbli ghall-sentenza massima ta' erba' snin prigunerija, u dan fuq akkuza wahda, jekk xejn, kienet tippekka serjament ghax kienet miti zzejjed u mhux ghax kienet wahda eccessiva fic-cirkostanzi.

Kieku l-Ewwel Qorti hadet il-briga li, qabel ma tghaddi ghas-sentenza, titlob li tigi esebita fedina penali aggornata tal-appellant li minnha kienu allura jirrizultaw il-kundanni ulterjuri li ssubixxa tul l-erba snin li l-process dam quddiemha , x' aktarx li kienet tara l-kaz minn perspettiva ohra fir-rigward tal-piena.

**Din il-Qorti ripetutament irrakkomandat lill-Qrati tal-Magistrati, li f' kazijiet fejn il-process tal-kumpilazzjoni w aggudikazzjoni - ghal raguni jew ohra mhux dejjem validi - idum ikarkar is-snin, hu importanti hafna li l-Qrati, meta jigu biex jikkalibraw il-piena, ikunu aggornati fuq il-hajja refrattarja tal-imputat. Peress li din ir-rakkomandazzjoni mhux qed tigi segwita, ta' spiss qed jigri li imputati recidivi plurimi qed jinghataw sentenzi li ma jkunux attinenti ghall-kaz.**

Ghalhekk dan l-aggravju dwar il-piena qed jigi respint.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha biss in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel akkuza ta' serq kwalifikat bil-valur u fejn ma haditx konjizzjoni tal-imputazzjoni ta' ricettazzjoni (e) ghaliex din kienet imputazzjoni alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni (a) u minnflok issib lill-appellant mhux hati tal-ewwel imputazzjoni ta' serq aggravat u minnha tilliberah izda ssibu hati tal-hames imputazzjoni ta' ricettazzjoni ta' tlitt cekks tal-Bank of Valletta li jghajjtu lill-Moviment Azzjoni Socjali (MAS) u mill-bqija tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament intier taghha.

Peress li l-appellant kien ghadu minorenni meta kkommetta r-reati in dizamina l-Qorti tordna d-divjett tal-pubblikazzjoni tal-isem tal-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------